MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 358/2017/3 LM

**Pietro Blasina u b'digriet tal-10 ta' Ġunju 2014 stante l-mewt ta' Pietro Blasina fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasfuż għal fuq isem uliedu Sara Blasina u Mirta Blasina**
***(l-appellanti)***
***vs.***
**Xini Holdings Limited (C38234) kif ukoll Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina għal kull interess li jista' jkollha, u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2016 l-Avukat Dr Noel Cutajar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia ġew nominati bħala kuraturi in rappreżentanza tas-soċjetà Xini Holdings Limited**
***(l-appellati)***

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanti **Sara Blasina** f'isimha proprju u wkoll bħala mandatarja ta' oħtha **Mirta Blasina** [minn issa 'l quddiem "l-

appellanti"] mis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Mejju, 2019, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"], li permezz tagħha ddeċidiet billi:

*"1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati;*

*2. Tiddikjara illi l-Kuraturi Deputati huma leġittimi kontraditturi tat-talba tar-rikorrent u konsegwentement tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tagħhom;*

*3. Tilqa' t-tnax-il eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati, kif ukoll id-disa' u l-ħdax-il eċċezzjoni tal-istess Kuraturi Deputati; u*

*4. Tiċħad it-talba tar-rikorrent hekk kif dedotta fir-Rikors promotur u tiċħad ukoll il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-istess Kuraturi Deputati safejn mhux kompatibbli ma' dak li qed jiġi hawn deċiż.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw il-ħruġ ta' taxxa [minn issa 'l quddiem "it-taxxa"] mir-Reġistratur tal-Qorti fir-rigward tal-proċeduri li ġew deċiżi b'mod finali permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Pietro Blasina u b'digriet tal-10 ta' Ġunju 2014, stante l-mewt ta' Pietro Blasina fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju f'ismu ġie trasfuż għal fuq isem uliedu Sara Blasina u Mirta Blasina**, Ċitaz. Nru 149/11JZM, deċiżi fil-25 ta' Novembru, 2016, [minn issa 'l quddiem "Appell Nru 149/2011"].

**Mertu**

3. L-appellanti istitwew dawn il-proċeduri permezz tal-preżentata ta' rikors quddiem il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-23 ta' Awwissu, 2017, fejn talbu lil dik il-Qorti sabiex tirrevedi d-drittijiet tal-kuraturi deputati kif intaxxati mir-Reġistratur tal-Qorti fir-rigward tal-proċeduri tal-Appell Nru 149/11.

4. L-appellati ppreżentaw ir-risposta tagħhom fejn eċċepew is-segwenti: preliminarjament (1) il-preskrizzjoni stante li kien iddekorra t-terminu stabbilit permezz tas-subartikolu 64(1) tal-Kap. 12; (2) huma ma kinux il-leġittimi kontradittur; (3) ir-rikors ma kellux jinstema' mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) iżda minn qorti oħra tal-ewwel istanza; (4) l-appellanti kellhom iressqu provi tajbin sabiex isaħħu l-allegazzjonijiet tagħhom; fil-mertu (5) it-talbiet tal-appellanti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti.

5. Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali, għalkemm mhux parti mill-proċeduri, ukoll wieġeb għat-talbiet tal-appellanti stante li huwa kien ġie notifikat bir-rikors promotur u bid-Digriet tal-Qorti tal-Appell (Superjuri). Huwa sottometta s-segwenti: (1) ir-rikors ma sarx quddiem il-qorti kompetenti; (2) it-talba tal-appellanti kienet infondata fil-fatt u fid-dritt; (3) jekk ikun hemm lok għal tibdil fit-taxxa huwa ma kellux ibati l-ispejjeż.

6. Permezz ta' provvediment tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) mogħti fit-13 ta' Lulju, 2018, dik il-Qorti ordnat li l-atti kellhom jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex il-proċeduri jinstemgħu u jiġu deċiżi minn dik il-

qorti, filwaqt li ordnat li l-ispejjeż tal-proċedura quddiemha kellhom ikunu a karigu tal-appellanti.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

7. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"<u>It-Tnax-il Eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati</u>*

*Il-Qorti tosserva illi, kif ġie sewwa eċċepit mill-Kuraturi Deputati fir-Risposta tagħhom (fn. 4 Paragrafu 12), it-talba tar-rikorrent fir-Rikors promotur għar-reviżjoni tat-taxxa hija limitata għad-drittijiet <u>tal-Kuraturi Deputati</u> kif intaxxati, u dan <u>biss</u> in konnessjoni <u>mal-proċeduri tal-Appell</u> fir-Rikors Numru 147/2011* [recte – Rikors Numru 149/2011].

*Fil-fehma tagħha, it-talba tar-rikorrenti kif imfassla biex jiġi attakkat id-dritt intaxxat favur il-Kuraturi Deputati fl-istadju tal-Appell biss, m'hijiex tajba. Filwaqt illli, skont kif inhuwa assodat fil-liġi u fil-ġurisprudenza, il-qorti hija marbuta li tiddeċiedi biss skont il-parametri tal-azzjoni kif stabbiliti mit-talbiet fir-rikors promotorju u bl-eċċezzjonijiet sollevati fir-risposta, u kull deċiżjoni illi teżawtora dawn il-parametri, titqies li hija* extra petita, *huwa wkoll ovvju illi d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati jiġu intaxxati bl-applikazzjoni tal-istess prinċipji li jirregolaw l-intaxxar tad-drittijiet tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali. Konformement, jekk jirriżulta illi d-dritt tal-Kuraturi ġie erronjament intaxxat* ad valorem, *hekk ukoll ikunu ġew intaxxati erronjament id-drittijiet tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali fl-istadju ta' Appell. Barra minn hekk, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi meta tiġi attakkata taxxa maħruġa wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, ma tistax ma tiġix attakka wkoll it-taxxa ġudizzjarja li fuqha evidentement tkun inbniet din it-tieni taxxa.*

*Għaldaqstant, għalkemm sa ċertu punt, it-tnax-il eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati jidher li hija fondata, il-Qorti xorta waħda sejra tistħarreġ il-meritu tad-domanda tar-rikorrent biex tqis jekk fis-sostanza tagħha jistħoqq li tiġi milqugħa.*

*<u>Il-Legittimu Kontradittur u Konsiderazzjonijiet Oħrajn Relevanti</u>*

*Jekk wieħed jeżamina sew l-atti tal-kawża, jinduna mill-ewwel li r-Rikors promotorju ma ġiex korrettement istitwit kontra r-Reġistratur tal-Qorti* qua *intimat. Għandu jingħad illi r-Reġistratur bħala parti f'proċeduri ta' ritassa huwa essenzjali mhux biss għaliex it-taxxi tad-drittijiet u spejjeż ġudizzjarji – inkluż għalhekk it-taxxa impunjata – inħadmet u ġiet rilaxxata minnu, iżda wkoll għaliex jekk tintlaqa' t-talba għal ritassa huwa l-istess Reġistratur illi għandu jiġi kkundannat jerġa' jaħdem it-taxxa skont kif deċiż mill-qorti. Effettivament, huwa r-Reġistratur tal-Qorti l-uniku intimat li għandu jiġi ċitat* ad validitatem *f'proċeduri għal ritassa. Dan joħroġ ċar minn qari korrett tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 64 li jistipula illi l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati mir-Reġistratur u illi l-azzjoni biex jiġu attakkati t-taxxi magħmulin minnu issir b'rikors, li għandu jiġi notifikat lil kull min ikollu interess fih.*

*Ir-Reġistratur ma huwiex u lanqas jista' jitqies li huwa <u>biss persuna interessata</u> fl-azzjoni bid-dritt li jiġi notifikat bir-rikors. Is-sempliċi notifika tar-rikors promotorju lill-partijiet fil-kawża ma jfissirx illi dawn isiru parti fil-proċedura jew illi jakkwistaw xi* locus standi, *għaliex il-preżentata ta' risposta* ut sic *ma għandhiex l-effett li tagħti* locus standi *fil-ġudizzju. Konformement, il-Qorti tqis illi l-fatt illi persuna li tkun ġiet notifikata bil-proċeduri ddaħħal risposta formali bil-miktub, ma jistax jibdel il-pożizzjoni legali tagħha fil-proċeduri. Dan jista' jsir biss bis-sejħa fil-kawża formali tal-persuna interessata.*

*Għaldaqstant, għalkemm ir-Rikors promotorju tal-azzjoni odjerna ġie notifikat lid-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, li huwa indikat mill-Artikolu 3(3) tal-Avviż Legali 139 tal-2004, li għandu jwettaq id-dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u kif rajna, il-liġi stess fl-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tipprovdi li "*l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-Reġistratur tal-Qorti...", *il-Qorti xorta waħda tqis illi la n-notifika tar-Rikors promotorju lid-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali u lanqas ir-Risposta li huwa daħħal fl-atti, ma jservu sabiex jagħtuh* locus standi *bħala parti f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, il-Qorti ma hijiex sejra tqis ir-Risposta tiegħu.*

*Ikkunsidrat ulterjorment;*

*Applikati l-konsiderazzjonijiet appena magħmula, u biex jiġu trattati r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati, fil-fehma tal-Qorti ma kienx meħtieġ b'mod assolut illi l-Kuraturi Deputati jiġu ċitati f'dan il-ġudizzju bħala intimati għaliex ma kienu bl-ebda mod involuti fil-proċess ta' ħdim u ħruġ tat-taxxa impunjata. Iżda billi għandhom interess evidenti fil-proċeduri, il-Qorti tqis illi f'kull każ il-Kuraturi Deputati kellhom* de minimis, *jiġu notifikati bil-proċeduri odjerni bħala parti interessata ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12* multo magis *meta jirriżulta illi dak li qed jiġi speċifikatament impunjat f'dawn il-proċeduri huwa proprju d-dritt intaxxat favur l-istess Kuraturi Deputati. Barra dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-eċċezzjoni tan-nullità tal-azzjoni, kif sollevata mill-Kuraturi Deputati, mhijiex siewja għaliex l-azzjoni mhijiex nulla sempliċement għaliex setgħet ma ġietx proposta fil-konfront tal-leġittimu kontradittur* par exellence. *Wara kollox, din in-nullità lanqas ma hija kontemplata fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-Kuraturi Deputati huma leġittimi kontradditturi tat-talbiet tar-rikorrent u tiċħad għalhekk ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tagħhom.*

*Dejjem fl-istess vena, għalkemm fl-okkju tar-rikors promotur hemm indikata bħala intimata Luisa Petroni sive Pedroni Blasina, il-Qorti tosserva illi hija ma ġietx notifikata bir-rikors promotur, lanqas bħala persuna interessata. Madanakollu, dan in-nuqqas mhuwiex, fil-fehma tal-Qorti wieħed li jista' jimpinġi b'xi mod fuq il-validità tal-proċeduri għaliex kif ġià ntqal, it-talba fir-Rikors ġiet limitata <u>unikament</u> għar-reviżjoni tad-drittijiet intaxxati a favur tal-Kuraturi Deputati fi stadju tal-Appell, liema drittijiet ġie kkundannat iħallashom* in toto *ir-rikorrent, li ġie kkundannat ukoll iħallas l-ispejjeż tal-imsemmija Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina fl-istess proċeduri.*

*Il-Qorti tosserva ulterjorment illi l-okkju tar-rikors promotur huwa riproduzzjoni tal-okkju tar-Rikors Numru 149/2011 li għalihom inħarġet it-taxxa impunjata. Madanakollu, huwa risaput illi proċeduri li jsiru taħt l-Artikolu 64 tal-Kap 12 ma humiex parti minn u ma jsirux fl-atti tal-kawża li l-ispejjeż u drittijiet ġudizzjarji tagħha qed tiġi impunjata, u jitqiesu bħala proċeduri separati u awtonomi. Tant hu hekk illi ġie anke ritenut li sabiex isiru proċeduri taħt l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 għall-impunjazzjoni ta' taxxa li tkun inħarġet fuq kwistjoni li ġiet determinata, mhuwiex meħtieġ lanqas li l-proċeduri jkunu deċiżi fil-mertu (fn. 5 Ara:* ***Catherine Galea vs Registratur tal-Qrati et****, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Lulju 2003.).*

*Il-Mertu*

*Fil-mertu, ir-rikorrent qed joġġezzjona għall-mod ta' kif it-taxxa ġiet ikkalkulata, u dan, skont kif ġie premess fir-Rikors promotorju, għaliex kawżi għal-likwidazzjoni ta' kumpannija ma għandhomx jiġu intaxxati* ad valorem *abbażi tal-valur tal-assi tal-kumpannija determinabbli mill-atti, kif effettivament sar f'dan il-każ. Skont ir-rikorrent id-drittijiet għandhom jinħadmu fuq deċiżjoni ta' punt ta' dritt.*

*It-taxxa impunjata ġiet esebita mir-rikorrent mar-Rikors promotorju* a fol. *228 u 229 tal-proċess (fn. 6 Ir-rikors promotorju oriġinarjament ġie ppreżentat fil-Qorti tal-Appell u l-atti ġew mibgħuta lil din il-Qorti permezz tal-provvediment mogħti mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2018. It-taxxa impunjata hija l-istess waħda li tinsab annessa mal-parti ta' ġewwa tal-folder tal-atti tar-Rikors Numru 149/2011 quddiem il-Qorti tal-Appell) bl-indikazzjoni li ġiet maħduma fil-25 ta' Jannar 2017.*

*Illi minn dak li ħareġ mill-atti ta' din il-kawża, jidher li n-natura nnifisha tal-azzjoni mibdija mir-rikorrent kontra Xini Holdings Limited u kontra Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 7 Rikors Numru 149/2011), kienet waħda li tqieset bħala ta'* "valur tat-talba li ma jkunx ċert jew likwidu" (*fn. 8 Tariffa A, regolament 4 tal-Kap. 12), u dan jidher rifless ukoll mill-fatt illi mal-ftuħ tal-kawża ir-Reġistratur talab dritt tar-Reġistru fis-somma ta' €582.34.*

*Ikkunsidrat;*

*In materja ta' tassazzjoni ta' spejjeż ġudizzjarji, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***HSBC Bank Malta plc vs Reġistratur tal-Qrati u Direttur Generali et*** *tat-12 ta' Ġunju 2003, osservat hekk:-*

"Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa għal żmien twil, it-tassazzjoni ad valorem hija ibbażata fuq talbiet li twasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjetà jew jeddijiet marbutin ma' dan. Meta kawża ma taqax f'kategorija bħal dawn li għadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni ġeneralment issir a bażi ta' dikjarazzjoni." (*fn. 9 Ara wkoll in propositu, sentenza tat-22 ta' Frar 1967 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***Av. Dr. Paolo Borg Grech et vs Av. Dr. Edgar Buhagiar noe et*** *(Kollez.Vol: LI.ii.811).*

*Iżda dan mhuwiex prinċipju assolut, għaliex kif intqal mill-istess Qorti fis-sentenza ċitata* supra:-

"... it-tassazjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni" (*fn. 10 P.A. 24.7.1946 fil-kawża fl-ismijiet Micallef et vs Micallef et (Kollez.Vol: XXXII.ii.424).*

*Fil-fatt, huwa paċifikatament ritenut illi għall-fini ta' intaxxar ta' spejjeż ġudizzjarji, sabiex wieħed iqis jekk it-talba li tkun saret fil-kawża li dwarha trid tinħadem it-taxxa, twassalx għal dan l-imsemmi passaġġ ta' flus jew fondi jew trasferiment ta' proprjetà kif hawn fuq imfisser, b'"talba" wieħed għandu jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Dan ifisser illi meta mill-hekk imsejħa massa litiġjuża, ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni għandha ssir fuq dak il-valur, avolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata.*

*Il-prinċipju illi l-valur tal-proċess jista' jiġi stabbilit mhux biss mill-att promotur tal-kawża imma minn kull tagħrif jew prova li jinsab fl-atti, jinsab assodat minn dak li kkonkludiet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Frances sive Franca Camilleri vs Direttur Qrati, Tribunal ta' Malta noe et*** *(fn. 11 Deċiża 1 ta' Lulju 2013), fejn qalet hekk in propositu:-*

"Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata ad valorem jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess" *(fn. 12 Par. 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12)* ... Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhus biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti."

*Effettivament, l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li saret referenza għalih fis-sentenza appena ċitata, jiddisponi li:-*

*"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi* ***jew mill-proċess****, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit." [enfasi tal-Qorti]*

*Ikkunsidrat;*

*Fil-każ in eżami, b'applikazzjoni tal-insenjament fuq riportat, il-Qorti tqis illi l-massa litiġjuża fl-azzjoni mibdija mir-rikorrent bir-Rikors Numru 149/2011, ċioé l-qofol tal-*

*kwistjoni kien jirrigwarda passaġġ jew trasferiment ta' flus, fondi jew proprjetà jew jeddijiet marbutin mal-proprjetà, u dan bit-talba għal-likwidazzjoni tal-assi tal-kumpannija Xini Holdings Limited bejn il-partijiet. Effettivament, kien ir-rikorrent stess li fir-Rikors promotorju tal-kawża għal-likwidazzjoni tal-kumpannija Xini Holdings Limited, fisser espressament illi l-kawża għal-likwidazzjoni kellha ssir proprju* ***għaliex ma ntlaħaqx ftehim biex l-assi di proprjetà tal-kumpannija, ċioé l-fond ġià matrimonjali tal-partijiet, jinbiegħ u jiġi likwidat paċifikament bejniethom. Għall-Qorti dan ifisser illi l-mira aħħarija tal-azzjoni tar-rikorrent għal-likwidazzjoni tal-kumpannija Xini Holdings Limited kienet proprju l-likwidazzjoni tal-proprjetà tal-kumpannija anke jekk meħtieġ, b'likwidazzjoni li ssir taħt l-awtorità tal-Qorti hekk kif ġiet effettivament mitluba fir-Rikors promotorju Numru 147/2011*** [recte – Rikors Numru 149/2011]***.*** *Magħdud dan, ir-rikorrent talab illi l-Qorti tiddeċiedi wkoll jekk għandux jinħatar likwidatur ossia stralċjarju fil-proċess tal-likwidazzjoni jekk din tiġi talvolta ordnata mill-qorti.*

*Mill-mod kif ġiet imfassla t-talba tar-rikorrent fir-Rikors Numru 149/2011, huwa evidenti illi r-rikorrent assoġġetta ruħu għal kull konsegwenza u effett ta' deċiżjoni eventwali tal-qorti għall-istralċ tal-kumpannija, inkluż, u dan b'mod speċifiku, il-ħatra ta' stralċjarju biex jieħu ħsieb il-likwidazzjoni tal-assi tal-kumpannija. Fi kliem ieħor, kieku t-talba tar-rikorrent għal-likwidazzjoni tal-kumpannija ntlaqgħet u l-Qorti hatret likwidatur ossia stralċarju, kif effettivament ġiet mitluba li tagħmel jekk meħtieġ, dan l-istess stralċarju kellu eventwalment jillikwida u jqassam l-assi tal-kumpannija bejn il-kontributorji tal-kumpannija.*

*Il-Kapitolu 386 huwa inekwivoku dwar dawk li huma l-mansjonijiet tal-istralċarju maħtur mill-Qorti: fl-Artikolu 244 jinsab imfisser illi l-qofol tal-inkarigu tal-istralċarju jikkonsisti proprju fl-amministrazzjoni u r-realizzazzjoni tal-assi tal-kumpannija inkluż id-distribuzzjoni u t-tqassim tal-assi tal-kumpanniji bejn il-kredituri u l-eventwali aġġustament tal-jeddijiet tal-kontributorji tal-kumpannija.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi d-distinzjoni li għamel id-difensur tar-rikorrent waqt it-trattazzjoni, bejn talba għax-xoljiment ta' kumpannija u talba għal stralċ ta' kumpannija għall-finijiet ta' tassazzjoni tal-kawża, ma hijiex rilevanti. L-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386, li ġie invokat speċifikatament mir-rikorrent bħala l-fondament tat-talba tiegħu għal-likwidazzjoni tal-kumpannija Xini Holdings Limited, jipprovdi espressament illi meta kumpannija tiġi xolta bil-qorti għaliex ikunu jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment, għandha ssir l-istralċ tal-kumpannija. Għalkemm id-dikjarazzjoni tax-xoljiment u l-konsegwenti stralċ huma*

*proċessi separati minn xulxin, huma entrambe konsegwenza inevitabbli ta' eżitu pożittiv tat-talba magħmula mir-rikorrent fir-Rikors promotorju tiegħu.*

*Huwa wkoll immaterjali għall-fini ta' tassazzjoni, jekk il-Qorti finalment tilqax jew le it-talbiet għax it-taxxa trid xorta waħda toħroġ fuq il-valur, determinat jew determinabbli, in kontestazzjoni, u l-valur ta' kawża jitqies dejjem fuq it-talbiet:-*

"Id-dritt intaxxat, kemm dak dovut lir-Reġistru kif ukoll dak dovut lill-Avukati tal-partijiet, ikun l-istess ikun x'ikun l-eżitu aħħari tal-kawża, però, it-taxxa hija differenti jekk tingħata sentenza preliminari a differenza ta' sentenza definittiva. **Jekk il-qorti, b'sentenza li tagħti, twaqqaf il-meritu, allura t-taxxa trid tieħu in konsiderazzjoni l-meritu kollu tal-kawża, għax b'dik is-sentenza il-kawża nnifisha tkun ġiet terminata u allura r-Reġistratur ikun irid joħroġ taxxa li tolqot it-talbiet kollha ta' dik il-kawża."** *(fn. 13* ***Catherine Galea vs Registratur tal-Qrati****, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 3 ta' Lulju 2003.) [enfasi ta' din il-Qorti]*

*Ikkunsidrat;*

*Jiġi osservat ukoll illi il-kuntrast bejn il-partijiet fl-azzjoni mibdija bir-Rikors Numru 149/2011, kif ukoll il-punt li ġie definittivament deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-25 ta' Novembru 2016, bl-ebda mod ma kien limitat għal xi dikjarazzjoni dwar kwistjoni preliminari jew dwar punt ta' dritt li ma kienx jeħtieġ eżami tal-meritu,* ***iżda kienu jirrigwardaw il-meritu sħiħ tal-azzjoni għall-istralċ tal-kumpannija Xini Holdings Limited****. Minn dan isegwi wkoll illi l-fatt li kawża tittratta punt ta' dritt jew punt ta' liġi, ma jfissirx illi awtomatikament il-kawża għandha tiġi ntaxxata skond ir-regolament 15(a) tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12.*

*Konsegwentement, din il-Qorti tqis illi meta l-Qorti tal-Appell laqgħet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti in meritu tal-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-kumpannija, hija waqfet il-perkors tal-kawża u s-sentenza għaddiet in ġudikat u għalhekk ir-Reġistratur kien intitolat joħroġ taxxa ibbażata fuq il-meritu kollu tal-kawża ċioé l-likwidazzjoni tal-kumpannija Xini Holdings Limited b'dak kollu li ġġib magħha u li ġie, wara kollox, mitlub mir-rikorrent.*

*Huwa evidenti illi fil-każ odjern, il-kontestazzjoni kienet tirrigwarda wkoll il-valur tal-fond residenzjali tal-partijiet: dan jirriżulta manifest mir-Rikors promotorju (Rikors Numru 149/11) nnifsu meta r-rikorrent ippremetta li martu Luisa Pedroni ma kienetx qiegħda taqbel mal-prezz tal-bejgħ tal-fond biex dan jista' jinbiegħ bonarjament, u riedet li dan jinbiegħ għal valur ferm ogħla. Kif ritenut in propositu:-*

"Meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa għandha tiġi fuqu regolata, ċioé għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tagħha. Minn dana jitnissel li l-eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-'Quod disputatum est', li jista' jiġi raġjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess; ..." *(fn. 14* ***Leslie Grech noe vs Frank Abela et****, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fil-25 ta' Jannar 2002.)*

*Ikkunsidrat finalment;*

*Illi meta wieħed iqis il-prinċipji hawn fuq imfissrin u japplikahom għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, jirriżulta illi l-ilment tar-rikorrent dwar it-taxxa tad-drittijiet ġudizzjarji tal-Kuraturi Deputati, u kwindi wkoll tad-drittijiet oħrajn intaxxati, m'huwiex mistħoqq. Il-Qorti hija tal-fehma li r-Reġistratur kien intitolat li jaħdem it-taxxa* ad valorem, *għaliex kif ingħad, il-vertenza eżaminata fis-sentenza tal-Prim'Awla tat-12 ta' Marzu 2012 kienet effettivament tirrigwarda jekk kienx hemm lok għal-likwidazzjoni ta' ġid immobbli permezz tax-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-kumpannija Xini Holdings Limited, liema kunsiderazzjoni hija waħda li inevitabbilment iġġib magħha qies jew valur. Barra minn hemm, fl-istadju tal-appell il-qofol tal-kontenzjoni ma nbidel xejn minn dak li kien il-punt ewlieni dibattut mill-Qorti tal-prim'istanza."*

## L-Appell

7. L-appellanti ppreżentaw appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti fit-3 ta' Ġunju, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

*"… tvarja u tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet* **Pietro Blasina u b'digriet tal-10 ta' Ġunju 2014 stante l-mewt ta' Pietro Blasina fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasfuż għal fuq isem uliedu Sara Blasina u Mirta Blasina vs Xini Holdings Limited (C38234) kif ukoll Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina għal kull interess li jista' jkollha, u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2016 l-Avukat Dr. Noel Cutajar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia ġew nominati bħala kuraturi in rappreżentanza tas-soċjetà Xini Holdings Limited** (Rikors Numru 358/17/2 RM), *u dan billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn iddeċidiet li ma tqisx ir-risposta tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, fejn*

*iddeċidiet illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati, fejn iddikjarat illi l-Kuraturi Deputati huma leġittimi kontraditturi tat-talba rikorrenti u ċaħdet ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tagħhom, u fejn ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati safejn mhux kompatibbli ma' dak deċiż; mill-banda l-oħra tħassar, tannulla u tirrexxindi s-sentenza appellata fejn laqgħet it-tnax, id-disa' u l-ħdax-il eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati u ċaħdet it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotur, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, u minflok tiċħad ukoll it-tnax, id-disa' u l-ħdax-il eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati u tilqa' t-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Kuraturi Deputati intimati u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali jew min minnhom."*

L-appellanti jgħidu li jħossu ruħhom aggravati bis-sentenza appellata għaliex: (i) l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni numru 12 tal-appellati meta fl-agħar ipoteżi din kellha twassal għas-sejħa fil-kawża tal-partijiet l-oħra u/jew għal digriet għall-korrezzjoni fit-talbiet magħmula; (ii) l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 mhux ċar u għalhekk wieħed għandu jistrieħ fuq il-prassi kostanti tal-amministrazzjoni tal-Qrati.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. Fir-Risposta tal-Appell tagħhom, l-appellati qegħdin jissottomettu li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra ż-żewġ aggravji tal-appellanti, flimkien mar-risposta tal-appellati, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

*L-ewwel aggravju:* *l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni numru 12 mogħtija mill-appellati*

10. L-appellanti jispjegaw l-ewwel aggravju tagħhom billi jgħidu li ma kienx ċar l-effett tal-ilqugħ ta' din l-eċċezzjoni, meta kulma kien qed jingħad kien li t-taxxa kellha tiġi riveduta fit-totalità tagħha. Iżda ġaladarba ġiet milqugħha din l-eċċezzjoni, kien hemm il-bżonn tas-sejħa fil-kawża tal-partijiet l-oħra involuti fil-proċeduri oriġinali, b'dana li tali sejħa fil-kawża kienet ser tkun inutli jekk it-talba ma kinitx mistħoqqa fil-mertu. Ikomplu jissottomettu li kienu l-appellati waħedhom li interpellaw lill-appellanti biex iħallsu skont it-taxxa li huma kienu qegħdin jikkontestaw. Għalhekk l-appellanti ma rawx li kellhom jiftħu l-proċeduri kontra ħaddiehor għajr l-istess appellati.

11. Fit-tweġiba tagħhom l-appellati qablu li jkun hemm is-sejħa fil-kawża, tant hu hekk li saħansitra fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom irrilevaw din il-ħtieġa. Imma s-sejħa fil-kawża ma kellhiex issir minnhom iżda mill-appellanti li tagħhom biss kien l-interess li ssir.

12. L-ewwel Qorti wara li kkonfermat li t-talba tal-appellanti kienet tirrigwarda biss id-drittijiet tal-appellati kuraturi deputati u dan biss għar-rigward tal-proċeduri tal-Appell Nru 149/11, iddikjarat li dik it-talba ma kinitx waħda tajba. Osservat li jekk jirriżulta li jkun sar żball fl-intaxxar tad-drittijiet tal-kuraturi deputati, allura jkun ukoll żbaljat l-intaxxar tad-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali fl-istadju tal-appell. Ukoll ma tistax tiġi attakkata taxxa maħruġa wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell mingħajr ma tiġi

attakkata s-sentenza li fuqha nbniet dik it-taxxa. Iżda minkejja dan l-ewwel Qorti ddeċidiet li tikkunsidra l-mertu tat-talba tal-appellanti.

13. Din il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-ewwel Qorti. Tosserva li l-Qorti ddeċidiet dwar it-tnax-il eċċezzjoni tal-appellati fil-parametri stabbiliti mit-talba mressqa fir-rikors promotur, jiġifieri fir-rigward tad-drittijiet dovuti lill-appellati bħala kuraturi deputati, iżda mhux ukoll dawk li jistgħu jkunu dovuti lil terzi kif donnhom qegħdin ifissru l-istess appellati. L-appellanti jissottomettu li ġaladarba tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-appellati, tqum il-ħtieġa li ssir is-sejħa fil-kawża tal-partijiet l-oħra involuti fil-proċeduri oriġinali sakemm huma jkollhom raġun fuq il-mertu tat-talbiet tagħhom. Iżda din il-Qorti tqis li dan huwa proprju li kienet qiegħda tiddeċiedi l-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata jingħad li *"...sa ċertu punt..."* l-eċċezzjoni hija fondata għaliex b'hekk l-ewwel Qorti kienet qiegħda tiskarta kwistjonijiet li jwassluha għal deċiżjoni *extra petita*.

14. L-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li fl-eżercizzju ta' reviżjoni neċessarjament kien ser ikollu jittieħed inkonsiderazzjoni d-dritt dovut lill-avukat u lill-prokuratur legali, kif ukoll dak dovut fl-ewwel istanza li fuqha jinħadmu d-drittijiet dovuta għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell. Din il-Qorti tikkunsidra li l-eżercizzju ma jistax isir mod ieħor ġaladarba d-drittijiet dovuta fl-appell jinħadmu fuq dawk dovuta fl-ewwel istanza. Għalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta għamlet dawn l-osservazzjonijiet u għal din ir-raġuni din il-Qorti ma tistax taċċetta s-sottomissjoni tal-appellanti li *"... ma kienx hemm il-ħtieġa li tiġi impunjata dik il-parti tat-taxxa li, għalkemm*

*skorretta, ma kienet qed issir l-ebda talba għall-ħlas dwarha".* Irrilevanti għall-istess raġuni hija l-kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-kontestazzjoni o meno tad-drittijiet dovuta fl-ewwel istanza għaliex anki jekk l-ewwel parti tat-taxxa hija skorretta, peress li ma tirriżulta l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tagħha mill-partijiet, din il-Qorti ma tistax twarrabha.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tilqa' dan l-aggravju u għalhekk qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju: l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 mhux ċar u għalhekk wieħed għandu jistrieħ fuq il-prassi kostanti*

16. L-appellanti qegħdin isostnu fit-tieni aggravju tagħhom li d-diċitatura tal-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 mhijiex ċara u f'każ bħal dak odjern wieħed ma jistax jistrieħ fuqu, iżda għandha tingħata importanza lill-prassi u lill-prattika kostanti tal-amministrazzjoni ta' dawn il-Qrati f'każijiet simili. Għalhekk irriżulta mix-xhieda tad-deputata tal-Qorti li ħadmet it-taxxa inkwistjoni li taxxi fir-rigward ta' proċeduri fejn it-talba hija waħda ta' stralċ/likwidazzjoni, qegħdin jinħadmu fuq konsiderazzjoni ta' punt ta' dritt u mhux *ad valorem*. Jispjegaw li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 14 fejn jintużaw il-kliem *"ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess"* ma jistabbilixxu l-ebda parametri u jistgħu jwasslu sabiex kull kawża tiġi intaxxata *ad valorem.* L-appellanti jirrilevaw li fil-każ odjern it-talba għal-likwidazzjoni ta' kumpannija ma kinitx ġiet milqugħa fuq interpretazzjoni

ta' liġi u stante li ma kienet ser issir l-ebda likwidazzjoni huma ma setgħux jifhmu r-raġuni għaliex ġew ikkundannati jħallsu taxxa li tlaħħaq €70,000. Filwaqt li huma qablu mal-ewwel Qorti fejn din iddikjarat li kien irrilevanti jekk it-talba kinitx ġiet milqugħa jew le, iżda fil-fehma tagħhom kienet l-prassi u l-prattika li tiddetta. Huma għalhekk jagħmlu riferiment għall-każ fejn talba għal diviżjoni ta' wirt tkun ġiet miċħuda fuq punt ta' dritt fejn allura t-taxxa tinħadem fuq punt ta' dritt.

17. L-appellati min-naħa tagħhom jagħmlu riferiment għax-xhieda tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili fejn dan spjega d-distinzjoni bejn taxxa li tinħadem f'każ ta' talba għal stralċ u dik li tinħadem fejn it-talba hija għal-likwidazzjoni ta' soċjetà, bħalma kien fil-każ odjern. Huma jiċċitaw it-talba tal-appellanti fil-proceduri Appell Nru 149/11 fejn jingħad *"Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex **tordna l-likwidazzjoni** tas-soċjetà intimata ...",* u jissottometti li minn dan jirriżulta li t-talba tagħhom kienet inekwivoka. B'hekk huma jgħidu li r-Reġistratur kien korrett meta mexa skont l-artikolu 14 sabiex ħadem it-taxxa inkwistjoni. L-appellati jagħlqu billi jsostnu, u dan b'riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, li huwa prinċipju stabbilit ferm li Qorti tat-tieni istanza m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u impellenti.

18. L-ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha mill-ewwel għarfet li l-ilment tal-appellanti huwa li t-taxxa inkwistjoni kellha tinħadem billi jittieħed inkonsiderazzjoni li l-proċeduri kienu jirrigwardaw punt ta' dritt. Tgħaddi sabiex tiċċita s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-12 ta' Ġunju,

2003, fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc *vs.* Reġistratur tal-Qrati u Direttur Ġenerali** fejn ġie enunċjat il-prinċipju li skont il-prattika kostanti t-tassazzjoni *ad valorem* issir jekk ikun hemm talba li twassal għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjetà jew jeddijiet marbutin magħha, u fin-nuqqas it-tassazzjoni ssir abbażi ta' dikjarazzjoni. Iżda tosserva li fl-istess sentenza jingħad ukoll li l-mod kif issir it-taxxa jista' jirriżulta mill-*"complesso del tema contenzioso"*. Tgħid ukoll li l-istess ntqal fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-1 ta' Lulju, 2013, fl-ismijiet **Frances sive Franca Camilleri *vs.* Direttur Qrati, Tribunali ta' Malta noe et**. L-ewwel Qorti ikkonkludiet li fil-każ odjern it-talba stess tal-appellanti għal-likwidazzjoni kellha x'taqsam ma' passaġġ jew trasferiment ta' flus, fondi jew proprjetà jew jeddijiet marbutin mal-proprjetà. Ma aċċettatx id-distinzjoni li għamlu l-appellanti bejn likwidazzjoni u stralċ għaliex fil-fehma tagħha kienu konsegwenza inevitabbli ta' xulxin fl-eventwalità ta' eżitu pożittiv tat-talba tagħhom. Immaterjali wkoll, tgħid l-ewwel Qorti, kienet il-kwistjoni jekk il-Qorti tilqa' jew le it-talba, għaliex l-valur dejjem jitqies fuq it-talbiet tal-kawża. Osservat li l-punt definittvament deċiz mill-Qorti tal-Appell fl-Appell Nru 149/2011 kien jirrigwarda l-mertu sħiħ tal-azzjoni għall-istralċ u fil-każ odjern il-kontestazzjoni kienet tirrigwarda wkoll l-valur tal-fond residenzjali tal-partijiet. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li r-Reġistratur sewwa ħadem it-taxxa *ad valorem*.

19. Din il-Qorti taqbel mad-deċizjoni tal-ewwel Qorti u tagħmel tagħha kemm il-konsiderazzjonijiet magħmula u wkoll ir-riferimenti li saru għall-

ġurisprudenza.[1] L-appellanti qegħdin jippretendu li l-Qorti għandha tiskarta d-disposizzjonijiet tal-artikolu 14 favur il-prassi li allegatament tirrikjedi li fejn hemm deċiżjoni għal stralċ/likwidazzjoni, it-taxxa m'għandiex tinħadem *ad valorem* imma daqslikieku t-talba hija dwar punt ta' dritt. Huma jsostnu li wara kollox m'hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' liġi jew ta' fatt li b'mod jew ieħor m'għandiex x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli. Il-kliem "ikollha x'taqsam" tal-artikolu 14 huma tant vagi li m'għandhomx limitu sabiex b'hekk kawża dejjem tispiċċa ntaxxata *ad valorem*. Bħala eżempju huma jġibu il-kawża ta' *denegata paternità* fejn l-obbligu tal-manteniment jitnissel mill-paternità.

20. Din il-Qorti tqis li l-argument tal-appellanti mhux tajjeb għaliex ifisser li l-artikolu 15 qatt ma jsib l-applikazzjoni tiegħu, filwaqt li l-eżempju li jagħtu ma jżegwix, anzi huwa eżempju tajjeb f'sens kuntrarju fejn dikjarazzjoni mogħtija mill-Qorti ma twassalx għal passaġġ jew trasferiment ta' flus, fondi jew proprjetà jew jeddijiet marbutin mal-proprjetà sakemm ma jkunx hemm talba appożita. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 14 jinftiehmu sew u għandhom jinqraw fil-kuntest fejn jinsabu fit-Tariffa E, jiġifieri wara l-artikolu 13 li jipprovdi għat-tassazzjoni ta' sentenza definittiva fejn hemm valur, iżda qabel l-artikolu 15 li jirrikjedi li deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, kif ukoll dawk partikolari kif imsemmija fil-paragrafu (b) ta' dak l-artikolu, għandha tiġi intaxxata kif stipulat hemmhekk.

---

[1] Ara wkoll P.A., **Gustavo Micallef et *vs.* Eleonora Micallef et**, 27.07.46 u P.A., **Avv. Dr. Giuseppe Pace et *vs.* Avv. Dr. Giuseppe Vella noe et,** 01.10.48.

21. Jista' jingħad li l-artikolu 14 jipprovdi għat-tassazzjoni ta' sentenzi li huma kemm dwar valur kif ukoll dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, jiġifieri ż-żewġ eventwalitajiet rispettivi kontemplati fl-artikoli 13 u 15 flimkien. Hekk huwa proprjament l-każ odjern fejn it-talba għal-likwidazzjoni ntrabtet mill-appellanti stess permezz tal-premessi kontenuti fl-Appell Nru 149/2011 man-neċessità li l-proprjetà miżmuma mill-kumpannija tiġi llikwidata u saħansitra kienu huma stess li taw il-valur lil dik il-proprjetà u li qalu li kienet il-qofol tal-vertenza bejn il-partijiet. Dan l-argument għamlitu wkoll l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li wkoll osservat li l-għan aħħari tal-azzjoni tal-appellanti kien proprju l-likwidazzjoni tal-proprjetà tal-kumpannija, jekk meħtieġ ukoll taħt l-awtorità tal-Qorti u permezz ta' likwidatur. Ifisser, tgħid l-ewwel Qorti, li jekk it-talba għall-istralċ tal-kumpannija ntlaqgħet mill-Qorti, dan kien ser iwassal għal-likwidazzjoni u t-tqassim tal-assi tal-kumpannija lill-membri tagħha. Din il-Qorti iżżid ma' dak li qalet l-ewwel Qorti, li ma jirriżultax kemm mil-liġi u kif ukoll mill-mod kif ġew ippreżentati dawn il-proċeduri, li l-imsemmija proċeduri huma intiżi għal sempliċi dikjarazzjoni ta' fatt jew ta' dritt. Jingħad li l-għan tagħhom huwa t-tħassir ta' isem il-kumpannija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, li bla dubju ma jistax isir sakemm jiġu likwidati l-assi u mħallsa l-kredituri u jinqasam bejn is-soċji dak li jifdal. Dan ifisser li fejn hemm proċedura għal-likwidazzjoni, neċessarjament iridu jiġu stabbiliti x'inhuma l-assi, jekk ikun hemm, kif ukoll il-valuri tagħhom. Issa fil-każ odjern kif diġà ġie osservat, kienu l-appellanti stess permezz tar-rikors promotur tagħhom li taw indikazzjoni tal-unika assi li tagħmel parti mill-attiv tal-kumpannija u wkoll indikazzjoni tal-valur minimu tagħha.

22. Barra minn hekk, wisq probabbli l-appellanti ma kinux jaslu sabiex jintavolaw dawn il-proċeduri jekk it-talba tagħhom għal-likwidazzjoni ntlaqgħet mill-Qorti tal-Appell Nru 149/11. Dan jingħad għaliex l-appellanti qegħdin jaċċettaw li fl-eventwalità li t-talba tagħhom kienet ġiet milqugħa, it-taxxa kienet ser tinħadem *ad valorem,* iżda huma ma jistgħux jifhmu kif l-istess tassazzjoni ntużat fir-rigward tad-deċiżjoni fl-istess rikors fejn ġiet miċħuda t-talba tagħhom. Iżda kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, meta ssir it-tassazzjoni ma jittieħidx inkonsiderazzjoni jekk it-talba tkunx intlaqgħet jew le mill-Qorti.

23. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi u dawk tal-proċedura odjerna jkunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**